# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sittax (16) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Tlieta 19 ta' Lulju, 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| | Publius Abdilla | Skużat |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Il-kunsillier Francis Callus jemmen li karozza zgħira toqgħod ġol parkeġġ li ġiet miżbugħa b'linji sofor bla permess f'triq il-Kenn, wara li ra karozza zgħira pparkjata hemmhekk. Is-Sindku ma qabilx wara li mar ikejjel l-ispażju waqt inspezzjoni fuq il-post. Il-kunsillier Jerome Busuttil qal li aħjar ma nagħmlux linja bajda għax dik tfisser li karrozza tista tipparkja legalment, meta mid-dehra karozza zgħira biss toqgħod.

4. Il-kunsillier Eddie Bonello qal li għadu jixtieq spjegazzjoni mill-persuna li ħa l-liġi f'idejh u għamel il-linja safra mingħajr konsultazzjoni magħna. Il-kunsillier Francis Callus qabel mas-sur Bonello. Hu jemmen li għandna nagħmlu linja bajda sempliċiment għaliex kien hemm waħda qabel, iżda hu lest jieħu l-kelma tas-Sindku li qal li karrozza ma toqodx.

5. Il-kunsilliera ddeċidew li jmorru fuq il-post b'karozza biex ikunu ċerti u jieħdu deċizzjoni minn hemm.

6. Is-sur Cedric Valletta wasal fis-5.55pm biex jitkellem mal-kunsilliera dwar is-sitwazzjoni tal-ħaxix fir-raħal u l-kunsilliera waqfu mid-diskusjoni tagħhom biex jibdew il-laqgħa mas-sur Valletta.

7. Is-sur Valletta qal li hemm bejn ġimgħa u ġimagħtejn xogħol biex jaqta l-ħaxix minn barra l-ajruport sal-Ħlantun. Il-prezz ġie miftiehem.

8. Is-Sindku u l-kunsilliera xtaqu jiddiskutu l-prezz qabel ma ikonfermaw u għalhekk qalu li se nagħtu risposta malajr kemm jista' jkun.

9. Is-sur Valletta ried ikun jaf jekk il-kunsilliera jemmnu li kien hemm titjib rigward il-problema tal-ħaxix minn meta ltqajna fl-aħħar laqgħa, u l-kunsilliera qalu li jemmnu li kien hemmxi progress s'issa.

10. Fis-6.05pm intemmet il-laqgħa mas-sur Valletta u tkompliet l-laqgħa tal-Kunsill

11. Il-kunsilliera aċċettaw il-proposta tas-sur Valletta u qalu li avolja jidher li l-prezz huwa xi ftit għoli, jemmnu li s-sur Valletta dejjem offra servizz tajjeb u fuq hekk huma bbażaw l-għażla tagħhom.

12. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Anthony Attard irimarka dwar punt nos 8 tal-Minuti tas-seduta numru ħmistax, fejn kien qal li l-inġineer qal li jaqbilna nbiegħu l-units kollha rigward il-PV system. Wara li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv sar jaf xi informazzjoni oħra, u wara li reġa saqsa għal parir mingħand l-inġineer, ġie deċiz li fil-fatt għandna nbiegħu biss dawk il-units li ma nagħmlux użu minnhom, u mhux il-units kollha kif qal qabel.

13. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li l-Perit Anthony Bezzina kellu impenji oħrajn u ma setax jattendi l-laqgħa kif xtaqu l-kunsillier fis-seduta preċedenti. Għalhekk se jerġa jara meta jkun jista jiġi l-Perit.

14. Is-Supretendent Vella Gregory u l-Ispettur Cordina waslu fis-6.45 biex jidiskutu s-sigurta tat-tfal li jkunu qegħdin jistennew barra mill-iskola, kif ukoll biex jidiskutu l-irwol tagħhom għal waqt il-festa. Sfortunatament minħabba ċirkostanzi mhux previsti huma kellhom jitilqu qabel ma stajna nitkellmu u se jerġgħu jiġu waqt laqgħa oħra.

**Korrispondenza**

15. Il-Kunsill irċieva l-amont li għandu jħallas lil Każin Banda San Pawl għas-servizzi tagħhom waqt Jum Ħal Safi 2011. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jqabel il-kontijiet ma dawk tas-sena l-oħra u jekk jaqblu għandu jdaħħal l-amont għal approvazzjoni fil-Payment Approval Sheet li jmiss.

16. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat ukoll lil Transport Malta biex jgħidilhom li nixtiequ ngħalqu t-toroq matul il-festa. Il-Każin Banda San Pawl avżawna li għandna ngħalqu t-toroq madwar il-pjazza bejn it-18 u 29 t'Awissu.

17. Il-Kunsill irċieva ittra mill-Aġenzija taż- Żgħażagħ fejn esprimew it-tama li ż-żgħażagħ tar-raħal jieħdu sehem f'proġett li se jittrata temiet ta' importanza għal-lokalita. Id-Deputat Segretarju se jibgħat l-ittra lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ ta' Ħal Safi.

18. Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-sur Omar Schembri li se joffri servizz għal 'Writing Club' fil-Kunsill matul ix-xitwa. Hu talab €12 (+15% VAT) għal kull klassi, u bi ħsiebu joffri żewġ klassijiet fil-ġimgħa.

19. Il-Kunsill irċieva mill-Gal Xlokk. Huma aċċettaw l-applikazzjoni tagħna u għandna nħalsu s-somma ta' €5000.

**Ħwejjeġ oħra**

20. Il-kunsilliera nsistew li skond dak li kien miftiehem f'laqgħat preċedenti, nibdew nużaw l-Ironmongers kollha meta hemm bżonn ta' prodotti mingħandhom.

21. Is-Sindku qal li Aguis Marble talbu €1421 bil VAT mhux inkluz biex jagħmlu ġebla li tilqa' in-nies ġor-raħal bis-sinjal "Merħba ġor-raħal ta' Ħal Safi" fuqha. Se naċċettaw l-amont biss jekk nieħdu sossidju mingħand MaltaEnterprise.

22. Il-kunsilliera semmew l-amont ta' leakages fil-mains tal-ilma madwar ir-raħal. Is-Sindku qal li dejjem għamilna li stajna u dejjem avżajna l-awtoritajiet kompetenti, u inkomplu nagħmlu hekk sakemm il-problemi jiġu ttrattati.

23. Is-Sindku jemmen li għandna nżidu s-sigurta tal-playing field ta' ħdejn il-Kunsill. Peress li tfal jgħaddu minn bejn il-pipijiet li jagħtu għat-triq, jemmen li għandna nagħmlu *boards* jew iżjed pijpijiet biex huma ma jkunux jistgħu jgħaddu. Jemmen ukoll li għandna ngħalqu d-dħul mit-triq il-Ħajt Ruman jew nagħmlu bieb mad-daħla. Il-kunsilliera qablu li għandna nsaħħu s-sigurta hemmhekk u se jieħdu deċizzjoni wara li jmorru jaraw il-post.

24. Il-kunsilliera qablu li x-xuffier tat-tfal ta'SkolaSajf ikolu post riservat għal ftit ħin matul il-ġranet tas-sajf biex jipparkja meta jiġi jiġbor it-tfal.

25. Wieħed mill-purtinari li kien se jagħti servizz waqt SkolaSajf mhux se jagħmel ix-xogħol. Minflok se tidħol il-*helper* tal-Kunsill biex tiknes l-iskola. B'hekk il-Kunsill se jagħti €500 lill-iskola u mhux €580, peress li €80 minnhom kienu sejrin għal purtinar.

26. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 15.

27. Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm.

28. Il-laqgħa li jmiss se tkun fit-2 t'Awissu 2011.

Approvati llum 02/08/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv